MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Numru 125/2004

Il-Pulizija
(Sp Simon Galea)
vs
Marlon Camilleri, iben Angelo,
imwieled Pieta' fl-14 ta'
ġunju, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fit-13 ta' jannar, 2004 f'xi ħin matul il-ġurnata kkometta serq ta' van, bin-numru tar-reġistrazzjoni RAN 001, għad-dannu ta' Godwin Mifsud mis-Swieqi liema serq hu aggravat bil-valur, ta' aktar minn elf lira maltin (Lm1,000), bil-lok, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli f'dawn l-aħħar żminijiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' serq, u

xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi il-ħames mitt lra maltin (Lm500);
4. talli f'dawn il-Gżejjer bejn novembru u diċembru, 2003 f'xi ħin matul il-ġurnata kkometta serq ta' flus u diversi oġġetti oħra għad-dannu ta' Mario Mifsud (Id card no. 799256m) liema serq hu aggravat bil-lok u bil-persuna;
5. talli f'dawn l-aħħar żminijiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' serq, u xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
6. talli f'dawn il-Gżejjer, fis-sena 2001 ikkometta serq ta' 'speakers' għad-dannu ta' Kevin Caruana minn St. Venera liema serq hu aggravat bil-persuna, bil-lok u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
7. talli f'dawn l-aħħar żminijiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' serq, u xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
8. talli f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' affarijiet ta' l-ikel u diversi oġġetti oħra għad-dannu ta' Joseph Grech minn 'Smart Supermarket', Balzan liema serq hu aggravat bil-valur ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100)iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000), bil-lok, bil-mezz u bil-persuna;
9. talli f'dawn l-aħħar żminijiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' serq, u xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
10. talli f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, f'jannar, 2004 f'xi ħin matul il-ġurnata kkometta serq ta' diversi oġġetti mis-'Save and Smile Supermarket', Mosta għad-dannu ta' Jesmond Sant mill-Mosta liema serq hu aggravat bil-valur ta' iktar minn mitt lira maltin

(LM100) iżda inqas minn elf lira maltin (Lm1,000), bil-lok, bil-mezz u bil-persuna;
11. talli f'dawn l-aħħar żminijiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' serq, u xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
12. talli fit-30 ta' jannar, 2004 f'xi ħin matul il-ġurnata kkometta serq ta' diversi oġġetti mis-'Save and Smile Supermarket', Mosta għad-dannu ta' Graziella Moran, liema serq hu aggravat bil-lok, bil-mezz u bil-persuna;
13. talli f'dawn l-aħħar żminijiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' serq, u xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
14. talli fit-30 ta' jannar, 2004 f'xi ħin matul il-ġurnata kkometta serq ta' diversi oġġetti mis-'Save and Smile Supermarket', Mosta għad-dannu ta' Bronia Spiteri, liema serq hu aggravat bil-valur ta' aktar minn mitt lira maltin (Lm100) i/da anqas minn elf lira maltin (Lm1,000), bil-lok, bil-mezz u bil-persuna;
15. talli f'dawn l-aħħar żminijiet f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' serq, u xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
16. talli fit-30 ta' jannar, 2004, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz, billi waħħal set ta' 'number plates' foloz (LCG 226) fuq van ta' l-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni RAN 001;
17. talli fit-30 ta' jannar, 2004, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, għamel falsifikazzjoni jew għamel użu minn dokument ieħor falsifikat billi uża set ta' 'number plates' foloz (LCG 226) fuq vettura oħra tal-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni RAN 001;
18. talli fit-30 ta' jannar, 2004, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, xjentement għamel użu minn pjanċi foloz

(LCG 226) fuq vettura oħra ta’ l-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni RAN 001;

19. talli fit-30 ta’ jannar, 2004, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer saq vettura Peugeot bil-pjanċi foloz meta din il-vettura ma kinitx koperta b’liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta u b’hekk ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzjoni għar-riskji ta’ terżi persuni;

20. talli f’jannar, 2004, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz, billi waħħal liċenzja tas-sewqan falza tal-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCF 293, fuq van ta’ l-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni RAN 001, u fuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG 226;

21. talli f’jannar, 2004, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer għamel falsifikazzjoni jew għamel użu minn dokument ieħor falsifikat billi uża liċenzja tas-sewqan tat-triq tal-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCF 293, fuq vettura oħra ta’ l-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni RAN 001, u fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG 226;

22. talli f’jannar, 2004, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, xjentement għamel użu minn pjanċi foloz (LCG 226) fuq vettura oħra ta’ l-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni RAN 001;

23. talli f’jannar, 2004, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG 226, b’liċenzja tat-triq falza meta din il-vettura ma kinitx koperta b’liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta u b’hekk ma kienx koport b’polza ta’ l-assikurazzjoni għar-riskji ta’ terżi persuni;

24. talli f’jannar, 2004, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer għamel użu minn pjanċi foloz, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG 226, u liċenzja falza tat-triq ta’ vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LCF 293, fuq il-vetturi bin-numru tar-reġistrazzjoni RAN 001 u bin-numru tar-reġistrazzjoni LCG 226 b’qerq;

25. talli f’dawn l-aħħar żminijiet f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu speakers, għodod u diversi oġġetti oħra jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat u cioe’ serq, u xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal dak iż-żmien li jidrilha xieraq.
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi l-ħati jħallas l-ispejjeż ta’ l-esperti maħtura mill-Qorti skond il-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ marzu, 2004 fejn il-Qorti ġiet infurmata li d-danni li għamel l-imputat huma ta’ Lm672.60.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ marzu, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni, tal-ħames, tas-seba’, tad-disa’, tal-ħdax, tat-tlettax, tal-ħmistax u tal-ħamsa u għoxrin akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat
l-artikoli 184, 188, 189, 261(b)(ċ)(d)(e)(g), 263, 264, 267, 268(a), 269, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 309 u 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(b) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-artikoli 17 u 31 ta’ A.L. 128 ta’ l-1994 u l-artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta. Rat il-fedina penali netta ta’
l-imputat, il-fatt li kkolabora mal-pulizija, l-eta’ tiegħu u li ammetta fl-ewwel seduta li nżammet. Tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk fi żmien erba’ snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Rat l-artikolu 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali u tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta’ Supervizjoni u taħt is-sorveljanza ta’ Pamela Kerr. Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma

ta' Lm672 danni lill-'Godwin's Garage' fi żmien sitt xhur mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' Lm250 u tordna li ma jottjeni ebda liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sena mil-lum. Fl-aħħar, tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti fl-atti ta' din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------